# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 17**

**Rikors numru 712/2008/1 JPG**

**Middlesea Insurance plc (C-5553)**

**v.**

**Peter Azzopardi f'ismu proprju u għan-nom tas-soċjeta` Canadian Brothers Ltd (C-168) u Carmelo Azzopardi**

**PRELIMINARI**

1. Din il-kawża tirrigwarda inċident awtomobilistiku li seħħ fl-24 ta' Lulju 2001 li għalih kien unikament responsabbli s-sewwieq Carmelo Azzopardi (kif deċiż fis-sentenza mogħtija fil-kawża "John Mizzi et v. Carmelo Azzopardi" 915/2003/TM li għalkemm appellata marret deżerta); is-soċjeta` attriċi ghall-finijiet tal-Art. 10 tal-Kap 104 ħallset l-ammont ta'

€54,331 lill-atturi Mizzi f'dik il-kawza in linea ta' danni, imgħaxijiet u spejjeż u konsegwentement intavolat il-kawża odjerna kontra l-konvenuti odjerni sabiex huma (jew min minnhom) jiġu kkundannati jirrifondulha tali ammont. L-ewwel Qorti fil-21 ta' Ottubru 2015 laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront ta' Peter Azzopardi *nomine* u Carmelo Azzopardi u kkundannathom sabiex *in solidum* iħallsu lis-soċjeta` attriċi l-ammont pretiż minnha. Minn tali deċiżjoni l-konvenut Peter Azzopardi *proprio et nomine* intavola l-appell odjern, filwaqt li kemm is-soċjeta` attriċi kif ukoll l-intimat Carmelo Azzopardi ressqu appell inċidentali.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti ser tirriproduċi s-sentenza appellata tal-21 ta' Ottubru 2015:

"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors ta' John Bonnici ghas-socjeta rikorrenti tal-15 ta' Lulju 2008, li jaqra hekk:

"1. *Illi s-socjeta intimata Canadian Brothers Limited kienet propjetarja tal-vettura bin-numru ta' Registrazzjoni KBA 565 liema vettura kienet assikurata mas-socjeta Rikorrenti bil-Polza numru 36005637009 li kienet "test drive cover" mis-7 ta' Mejju 2001 sal 31 ta' Dicembru 2001.*

*"2. Illi fil 24 ta' Lulju 2001 ghal habta tal-10:30 pm l-intimat Carmelo Azzopardi waqt li kien qed isuq il-vettura numru KBA 565 kien involut f'incident tat-traffiku, ghall-liema incident huwa nstab unikament responsabbli minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**John u Mary Rose konjugi Mizzi u binthom Amanda Mizzi vs Carmelo Azzopardi"** (Citazzjoni numru 915/2003 TM deciza 16 ta'Dicembru 2004) u gie ikkundannat li jhallas lill-atturi is-somma ta' LM. 18950 bhala sorte, l-ispejjes u l-imghax skond l-imsemmija sentenza.*

"3. *Illi l-fuq insemmija kawza giet appellata mill-konvenut Carmelo Azzopardi liema appell mar dezert fl-15 ta' Dicembru 2007.*

"4. *Illi ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta s-socjeta*

*rikorrenti kienet tenuta li thallas lil John u Mary konjugi Mizzi u binthom Amanda Mizzi l-amont ta' €49732. 89 ( gia LM. 21353.73) bhala sorte u imghaxiet u €4598.12 (gia LM. 1974.28) bhala spejjes - b' kollox* ***<u>€54331.01</u>***

"5.*Illi s-socjeta Rikorrenti fil-fatt fl-4 ta' Gunju 2008 hallset lill John u Mary Rose konjugi Mizzi u binthom Amanda Mizzi is-somma ta' €54331.01 ghas-saldu tas-sorte, spejjes u imghax legali.*

"6.*Illi l-intimat Carmelo Azzopardi ma' kienx kopert bil-fuq insemmija polza ta' assikurazzjoni meta sehh l-incident billi din il-polza kienet tkopri biss sewwieqa taht "Trial Run Plates" (Test drive Cover) u wkoll kienet valida biss f'hinijiet limitati u partikolari u mhux fl-10:30 p.m u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kaz.*

"7.*Illi l-intimat Carmelo Azzopardi kien xtara din il-vettura minghand is-socjeta Intimata Canadian Brothers Limited u kien qed isuq il-vettura bil-kunsens tal-intimat Peter Azzopardi.*

"8.*Illi s-socjeta Rikorrenti ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni ghandha dritt iddur kontra l-assikurat taghha sabiex tiehu lura l-amont minnha imhallas.*

"9.*Illi l-intimat ghalkemm interpellat sabiex jaddivvjeni ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqa inadempienti kellha issir din il-kawza.*

"10.*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett ghaliex din il-Qorti ma' ghandiex (i) tiddikjara li Carmelo Azzopardi ma' kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni hawn fuq insemmija meta sehh l-incident tat-traffiku fl-24 ta' Lulju 2001 (ii) Tiddikjara li Peter Azzopardi ippermetta lill-insemmi Carmelo Azzopardi isuq il-vettura hawn fuq insemmija meta dina ma' kienitx koperta b' polza ta' assikurazzjoni, u (iii) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jirrifondu lis-socjeta Rikorrenti is-somma ta' erba u hamsin elf, tlett mija u wiehed u tlettin Euro u euro cent (€54331.01) liema ammont l-istess socjeta assikuratrici hallset lill John u Mary Rose konjugi Mizzi u binthom Amanda Mizzi.*

"11.*Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta'Ittra Legali datata 10 ta' Lulju 2008 u ta'Mandat ta' Sekwestru Nru. 1056/2008 kontra l-intimati jew min minnhom, li jibqa minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

"Rat illi l-atti tar-rikors promutur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi ;

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-25 ta' Lulju 2008 fejn innominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri;

"Rat ir-risposta guramentata ta' Peter Azzopardi f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' Canadian Brothers Limited tas-6 t'Ottubru 2008 (a fol. 51 et seq.) li taqra hekk:

"1. *Illi, preliminarjament, fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet li ser isegwu, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-art. 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).*

"2. *Illi, preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni moghtija hawn fuq u ghal dawk li ser isegwu, l-intimat Peter Azzopardi f'ismu proprju m'huwiex il-legittimu kuntradittur in kwantu ma tezisti ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' assiguratrici.*

"3. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni t'hawn fuq u ghall-eccezzjonijiet li ser isegwu, it-talbiet attrici huma infondati u insostenibbli fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi*

*(i) Id-decizjoni citata mis-socjeta' rikorrenti fir-rikors guramentat ma taghmel ebda stat fil-konfront tal-esponenti u dan in kwantu ebda wiehed minnhom ma kien parti fiha.*

*(ii) Is-socjeta' assiguratrici rikorrenti ma kenitx tenuta skond il-ligi li thallas l-ammont reklamat minnha u dan ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw matul it-trattazzjoni tal-kawza u ghaldaqstant ma jezisti ebda dritt ta' kumpens fil-konfront tal-esponenti jew ebda wiehed minnhom.*

*(iii) M'huwa ravvizabbli ebda nuqqas da parti ta' ebda wiehed mill-esponenti li jirrendihom responsabbli ghall-hlas reklamat mis-socjeta' rikorrenti.*

"4. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet moghtija hawn esponenti m' ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' assiguratrici.*

"5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

"Rat id-dikjarazzjoni ta' Peter Azzopardi f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' Canadian Brothers Limited tas-6 t'Ottubru 2008 (a fol. 53);

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tad-9 ta' Gunju 2011 fejn irrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri u innominat bhala Perit Legali lil Dr. Alessandro Lia;

"Rat in-nota ta' sottomissjonjiet tas-socjeta' Middlesea Insurance plc [C-5553] tat-23 ta' Jannar 2013 (a fol. 151 et seq.);

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-intimat Carmelo Azzopardi tal-25 ta' Frar 2013 (a fol. 165 et seq.);

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Peter Azzopardi f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' Canadian Brothers Limited (C168) (a fol. 170 et seq.);

“Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Alessandro Lia prezentat fit-3 ta’ Lulju 2014, u mahluf fil-11 ta’ Settembru 2014 (a fol. 197 et seq.);

“Rat in-nota ta’ kritika tas-socjeta’ Middlesea Insurance p.l.c. tat-30 ta’ Dicembru 2014 ghar-rapport ipprezentat mill-Perit Legali Dr. Alessandro Lia (a fol. 338 et seq.);

“Rat in-nota ta’ kritika responsiva tal-konvenut Peter Azzopardi f’ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta’ Canadian Brothers Limited tal-11 ta’ Mejju 2015, ghan-nota ta’ kritika tas-socjeta’ attrici (a fol. 353 et seq.);

“Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

“Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

“**Ikkonsidrat:**

“Mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta illi fis-7 ta’ Mejju 2001 s-socjeta’ attrici kkonkludiet polza t’assigurazzjoni Nru 36005637009 Third Party only fuq il-vetturi kollha registrati f’isem Canadian Brothers Limited-karozzi registrati “*For Resale*”.

“Din il-Polza kienet operattiva mis-7 ta’ Mejju sa 31 ta’ Dicembru tas-sena 2001 u kienet tikkontieni kondizzjoni li l-vetturi registrati jinsaqu fi *Test Drive* mit-Tnejn salGimgha mis-7:00am sa inzul ix-xemx u jkollhom il-pjanci TR-47 (Vide Dok JB1 a fol. 17) u xhieda a fol. 71 u 72 u 81 ta’ Brian Farrugia mill-ADT.

“Fil-24 ta’ Lulju 2001 fl-10:30pm sehh incident stradali li fih kienet involuta vettura KBA 565, wahda mill-vetturi ta’ Peter Azzopardi nomine li kienet registrata “*For Resale”*- Vide Dok LA 1) Din il-vettura kienet qed tigi misjuqa mill-intimat Carmelo Azzopardi.

“Fil-proceduri fl-ismijiet John Mizzi et vs Carmelo Azzopardi, **l-intimat Carmelo Azzopardi instab unikament responsabbli ghall-incident – Vide Dok. AA sentenza tas-16 Dicembru 2004 per Onor. Imhallef Tonio Mallia a fol. 73 et seq tal-process**. Din is-sentenza hija wahda finali minhabba li l-appell gie dezert fit-23 ta’ Frar 2010 – Vide xhieda Dr. Alexia Aquilina a fol. 71.

“Is-socjeta attrici hallset lill-vittmi tal-incident – cioe’ lil John Mizzi u l-familja tieghu s-somma ta’ €54,331.01 l-4 ta’ Gunju 2008 kif kienet skond is-socjeta’ attrici, obbligata li taghmel ai termini tal-Artikoli 10 tal-Kapitolu 104.

“Is-socjeta’ attrici tikkontendi li galadarba jirrizulta ksur tal-kundizzjonijiet tal-Polza, hija ghandha d-dritt ta’ rivalsa kontra l-konvenuti *in solidum* ghad-danni subiti.

“In kwantu ghall konkluzjonjiet tal-perit legali, l-Qorti taghmel referenza

"għall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi "**dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fiddubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi millkonsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",** Appell 29 ta' Mejju 1998). "**Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca.**" Appell 6 t'Ottubru 1999; "**John Saliba –vs-Joseph Farrugia",** Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

"Il-Qorti rat u ezaminat r-relazzjoni tal-Perit Legali u tikkondividiex mal-konkluzjonijiet tieghu, stante li ma taqbilx mal-applikazzjoni tal-ligi ghal fatti stabbiliti.

"**Ikkonsidrat:**

"Peter Azzopardi proprio et nomine ssoleva l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 – cioe preskrizzjoni ta' hames snin. Huwa kkontenda li z-zmien jibda jiddekorri mill-jum li fih l-azzjoni tkun tista' tigi ezaminata – Vide John Grech vs Ivan Mifsud per Onor Imhallef Joseph R. Micallef deciza fl-1 t'April 2003.

"Il-Qorti rat u ezaminat dak sollevat fin-nota ta' sottomissjonijiet mill-intimat Peter Azzopardi a fol. 325 u taghraf illi skond l-insenjament moghti fis-sentenza **Hugh P Zammit noe vs John Mifsud:**

> ***"Id-dritt tal-attur naxxenti mill-Artikolu 12 tal-Kapitolu 104 (Cioe' d-dritt ta' rivalsa da parti tal-assiguratrici koncernat kontra l-assiguratur tieghu f'kas ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-Polza t'assigurazzjoni) jitwieled mal-mument illi jsir il-pagament lil-terz konsegwenti l-ottenniment ta' sentenza u mhux qabel. Ghalhekk d-dritt tal-attur qatt ma jista' jigi marbut ghal-fini ta' preskrizzjoni mad-data tal-incident."***

"Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta'preskrizzjoni.

"Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-kwistjoni dwar jekk Peter Azzopardi **f'ismu proprju** huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.

"Il-Qorti tqis li Peter Azzopardi jiffigura **biss**, mill-fatti li johorgu mil-kaz in ezami, bhala rapprezentant ta' Canadian Brothers Limited. Mid-dokumenti ezebiti mis-socjeta' attrici, Dokument "JB1" anness mal-

affidavit ta' John Bonnici a fol. 17 (u cioe' ic-certifikat tal-polza), huwa indikat biss Peter Azzopardi obo Canadian Brothers Ltd. Di piu' d-dokument ta' registrazzjoni tal-vettura jindika li s-sid registrat hija s-socjeta' Canadian Brothers Limited (ara Dokument "JB5" a fol. 111).

“In fatti John Bonnici, fix-xhieda tieghu jishaq li ma jafx ghalfejn il-kawza giet intavolata wkoll kontra Peter Azzopardi f'ismu proprju.

“Xejn mix-xhieda prodotta f’din il-kawza ma jindika illi hemm rabta ta’ relazzjoni personali guridika bejn Peter Azzopardi u s-socjeta’ attrici.

“Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Peter Azzopardi, f'ismu proprju, u taghraf li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“Il-Qorti tghaddi biex tezamina it-tielet eccezzjoni mressqa mil-intimat Peter Azzopardi ghan-nom Canadian Brothers Limited. Il-Polza meritu tar-rikors li nharget lil Peter Azzopardi kienet **tkopri l-vetturi kollha registrati for Re Sale ghan-nom ta’ Canadian Brothers Limited.**

“Din il-polza harget mil-kundizzjonijiet segwenti:

1. Illi l-vetturi jinsaqu bejn t-Tnejn u l-gimgha;
2. Bejn 7:00am sa inzul ix-xemx.

“Apparti dana kollu Avviz Legali 128/1994 (vigenti fid-data meta sehh l-incident) kien jesigi li vetturi Trial Run setghu jinsaqu :

1. Meta il-pjanca trid tkun esposta fuq wara u quddiem tal-vettura;
2. Meta jinsaqu ghal *Test Drive;*
3. Meta jkun prezenti il-persuna li favur tieghu jkunu nhargu il-pjanci ta’ *Trial Run.*

“Kif jidher mix-xhieda tal-intimat Peter Azzopardi a fol. 142 kif ukoll ta’ Carmelo Azzopardi fl-affidavit tieghu a fol. 221 u l-kontro-ezami tieghu a fol. 108 jirrizulta ampjament illi z-zewg intimati kienu konsapevoli ta’ dawn il-kondizzjonijiet.

“Eppure jirrizulta pprovat sal-grad rikjest fil-kamp Civili u cioe fuq il-prepondoranza tal-provi illi Carmelo Azzopardi kien qieghed, fil-mument tal-incident awtomobilistiku, jsuq il-vettura **minghajr** rapprezentant tas-socjeta’ Canadian Brothers –Daqshekk iehor hu pprovat illi l-vettura kienet qeghda tinstaq ghall-uzu personali ta’ Carmelo Azzopardi u mhux ghal *Test Drive*.

“In oltre il-vettura kienet qed tinstaq **minghajr** pjanci ta’ *Trial Run* – Vide affidavit ta’ Carmelo Azzopardi, a fol. 221 u kontro-ezami tieghu a fol. 223, li jishaq li l-pjanci baqghu dejjem fil-pussess ta’ Peter Azzopardi (fatt ammess mill-istess Peter Azzopardi a fol 214) u fil-hin ta’ 10:30pm.

"Dan jistabilixxi illi l-vettura kienet qed tinstaq bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza.

"In effett mill-provi johrog car illi ghalkemm Peter Azzopardi jsostni li l-obbligi tieghu gew sodisfatti malli informa lil Carmelo Azzopardi li ma kienx hemm koperta' assigurativa u li bhala regola generali ma kienx jippermetti l-vetturi tieghu jinsaqu bi pjanci ta' *Trial Run* jew li jittiehdu l-vetturi minghajr kopertura assigurativa f'isimhom tant illi fin-nuqqas, kien jwassalhom il-vettura hu personalment, il-konvenut Carmelo Azzopardi sostna li hu kien gabar il-vettura mix-*showroom* ta' Peter Azzopardi u li l-istess Peter Azzopardi kien jaf li Carmelo Azzopardi ma kellux flus biex johrog polza t'assigurazzjoni – vide xhieda a fol 222 tal-kontro-ezami ta' Carmelo Azzopardi.

"Illi l-provi juru illi t-trasferiment tal-vettura sar **in segwitu** tal-incident-cioe' fis-**27 ta' Lulju 2001** kif del resto saret il-polza t'assigurazzjoni fil-**25 ta' Lulju 2001** – Vide xhieda ta' Brian Farrugia a fol. 252 u 253 u Dok. LA3 a fol. 256 et seq.

"Minn dana kollu jirrizulta illi Peter Azzopardi nomine naqas illi jassigura illi l-kondizzjonijiet tal-polza mahruga favur tieghu tigi osservata skond il-ligi meta ppermetta lil Carmelo Azzopardi jiehu l-vettura minghajr pjanci, minghajr kopertura biex tinsaq oltre s-sieghat stipulati. Ghaldaqstant ma jistghax jinghad kif ppretenda Peter Azzopardi nomine illi m'hu ravvizabbli ebda nuqqas da parti tieghu li jirrendih responsabbli ghal hlas reklama.

"Ghaldaqtant il-Qorti tichad l-eccezzjoni numru 3(iii).

"Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni numru 3(i) fis-sens li s-socjeta' attrici ma kientx tenuta skond il-ligi li thallas l-ammont reklamat.

"Din il-Qorti tifhem illi s-sentenza Dok AA a fol. 74 sa 79 sabet illi "**r-responsabilita' tal-incident ghandha tkun tal-konvenut u tieghu biss"**- Vide fol. 76 u dik il-Qorti illikwidat dan f'ammont ta' **Lm18,950** ekwivalenti ghal **€44,941.63.** Is-socjeta attrici tikkontendi illi bhala assiguratrici hija kellha l-obbligu skond il-ligi li thallas lit-terz skond s-sentenza fuq citata u skond d-dettami tal-Artikolu 12(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Dan l-Artikolu 12(1) tal-Kapitolu 104 jistipola:

> **"12. (1) Meta ċertifikat ta' assigurazzjoni jiġi maħruġ taħt l-artikolu 4(4) lill-persuna li tkun ħadet il-polza, dak li fil-polza jkun qiegħed biex jirrestrinġi l-assigurazzjoni tal-persuna assigurata minn dik il-polza b'riferenza għal dawn il-ħwejjeġ li ġejjin:**
>
> "**(a) il-kondizzjoni tal-persuna li ssuq il-vettura; jew**
> "**(b) il-kondizzjoni tal-vettura; jew**
> "**(ċ) in-numru tal-persuni li l-vettura tgħabbi; jew**

**“(d) il-piż jew il-karatteristiċi fiżiċi tal-merkanzija li l-vettura tgħabbi; jew**
**“(e) il-ħinijiet li fihom jew l-area li fiha l-vettura hija wżata; jew**
**“(f) il-forza (tal-makna) u l-valur tal-vettura; jew**
**“(g) li l-vettura jkollha apparati partikolari; jew**
**“(h) li l-vettura jkollha mezzi speċjali ta' identifikazzjoni barra mill-mezzi ta' identifikazzjoni li huma meħtieġa mill-liġijiet jew taħt il-liġijiet li jkunu jseħħu; jew**
**“(i) il-kulur tal-vettura; jew**
**“(j) l-età ta' min ikun qed isuq il-vettura,**

**“m'għandu ebda effett dwar dawk ir-responsabbiltajiet li għandhom ikunu koperti mill-polza taħt l-artikolu 4(1):**

**“Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma jobbliga assiguratur awtorizzat li jħallas somma minħabba r-responsabbiltà ta' persuna għal ħaġ'oħra ħlief biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, dik irresponsabbiltà, u <u>kull somma mħallsa mill-assiguratur awtorizzat biex tiġi sodisfatta, f 'kollox jew f 'parti, ir-responsabbiltà ta' persuna koperta bil-polza, bis-saħħa biss ta' dan is-subartikolu, tista' minnu tittieħed lura mingħand dik il-persuna</u>.”** (Enfasi ta' din il-Qorti)

“Issa skond il-gurisprudenza kostanti taghna, gie espressament ritenut illi l-azzjoni ghal reimbors tal-ammont mhallas lil terz hija ezekutabbli mhux biss kontra x-xufier izda kontra il-*policy holder*, f'dan il-kaz (Peter Azzopardi nomine) li jonqos illi jezigi illi l-kondizzjoni tal-polza jkunu osservati skruplozament. In fatti l-Qorti tal-Appell rreteniet:

***“L-azzjoni attrici hija bazata fuq inadempjenza kontrattwali in kwantu l-assigurat, cioe` l-appellant, naqas li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala kundizzjoni tal-hrug tal-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni. Dan in-nuqqas jidderiva mill-fatt li l-appellant ippermetta lil huh, cioe` lill-imsemmi George Mifsud, isuq il-vettura assigurata mis-socjeta` attrici meta dan George Mifsud ma kellux l-eta` rikjesta fl-istess polza u b'hekk meta sar l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, il-polza ta' lassigurazzjoni ma kienitx tkoprih. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fil-kaz in ezami, il-konvenut John Mifsud, bhala proprjetarju u assigurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lil huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma dan jaghlaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena. Irrizulta li l-appellant naqas josserva dan l-obbligu, u ghalhekk sar responsabbli ghar-rizarciment ta' dawk il-flejjes kollha li s-socjeta` assigurattrici appellata kienet obbligata li thallas lit-terza persuna msemmija fl-incident awtomobilistiku, kollox ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.”***

“Vide sentenza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit pro et nomine vs John Mifsud** et deciza fl-**1 t'April 2005 Appell Civili**; **Middlesea Insurance plc noe vs Mourad Ben Salem** deciza fit-**28 ta'Frar 2008** per **Onor Imhallef R Pace**.

“Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni numru 3(i) tal-konvenut Peter

Azzopardi nomine fis-sens illi s-sentenza Dok. AA ma tikkostitwiex stat fil-konfront ta' Peter Azzopardi nomine u li, ergo, huwa ma jistghax jigi obbligat jhallas l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici.

"Din il-Qorti taghraf illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Hugh P. Zammit noe et vs John Mifsud et** Ibid taghti l-insenjament mehtieg:

> ***"Ghalkemm huwa veru li din il-kawza ma kienitx tigi fis-sehh li kieku ma sehhx l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, madankollu wiehed ghandu jiddistingwi bejn id-diversi relazzjonijiet li nholqu bhala rizultat ta' l-istess incident awtomobilistiku…"***
>
> ***"…Fl-ewwel lok hemm ir-relazzjoni bejn George Mifsud u Emanuel Cardona, relazzjoni li hija bazata fuq htija akwiljana jew delittwali. Fit-tieni lok hemm ir-relazzjoni bejn Cardona u s-socjeta` appellata, liema relazzjoni tohrog ex lege, cioe` tohrog mill-Artikolu 10 ta' l-imsemmi Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-tielet lok, imbaghad, hemm ir-relazzjoni li qeghda tigi ezaminata f'din il-kawza, cioe` r-relazzjoni bejn is-socjeta` assigurattrici appellata u l-assigurat taghha, cioe` l-appellanti, liema relazzjoni hi evidentement bazata fuq inadempjenza kontrattwali da parti ta' l-istess appellanti. Konsegwentement ghalkemm huwa veru li d-danni fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma ikkawzahomx l-appellanti, pero` xorta wahda huma danni sofferti mis-socjeta` appellata minhabba li huwa naqas li josserva skrupolozament l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' assigurazzjoni bejnu u bejn is-socjeta` appellata."***

"Fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-istess Qorti tal-Appell, din l-Qorti tichad leccezzjoni numru 3(i) tal-konvenut Peter Azzopardi nomine.

"Ghar-rigward tal-intimat Carmelo Azzopardi, ghandu jinghad fl-ewwel lok illi huwa naqas illi jintavola risposta guramentata u **baqa' kontumaci**. Di piu' s-sentenza Dok. AA a fol. 77 et seq hija *an indictment* ta' sewqan pessimu, sewqan taht influwenza ta' xorb, sewqan bi speed eccessiv bi ksur ta' *lane disipline* in effett sensiela ta' nuqqasijiet serji fis-sewqan tal-istess Carmelo Azzopardi. Lanqas m'hu attendibbli dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li Peter Azzopardi li ma qallux li l-karozza ma kienitx inxurjata. Dan 'l ghaliex fl-istess nifs Carmelo Azzopardi jghid li ma kellux flus ghall polza tal-assikurazzjoni u dana jippresupponi sitwazzjoni fejn Peter Azzopardi wittbu propju fuq l-polza tal-assikurazzjoni.

"Di piu' jirrizulta pprovat f'dawn il-proceduri, illi Carmelo Azzopardi saq il-vettura KBA 565 bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza t'assigurazzjoni u cioe' fl-assenza ta' rapprezentant tas-socjeta' intimata, fil-hinijiet esklusivi mill-polza (fil-10:30pm) ghal skopijiet personali mhux ghal *test drive*.

"Ghaldaqstant d-dettami tal-Artikolu 12(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta huma ugwalment applikabbli ghalih.

"Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni tal-intimat nomine Peter Azzopardi numru 3(ii) fis-sens li s-socjeta' attrici ma kienitx tenuta skond il-ligi thallas l-ammont reklamat minnha (Vide risposta guramentata a fol. 51)

"Bir-rispett il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni hija insostenibbli.

"L-Artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta

> ***"Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' assigurazzjoni taht l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilita' li ghandha tkun koperta minn polza taht l-artikolu 4 (1) (meta hija responsabbilta' koperta bilkondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-kaz, ghad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ihallas lill-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta' flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilita' fuq imsemmija, kompriz l-ammont li jmiss jithallas ghal spejjez u ghal imghaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tigi notifikata lill-assiguratur b'att gudizzjarju ghandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur ghall-finijiet kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u tista' tigi enforzata kontra tieghu."***

"Fi kliem iehor gialadarba hemm polza t'assikurazzjoni, gialadarba hemm sentenza li tikkwantifika danni naxxenti mill-uzu tal-vettura assikurata, s-socjeta' assikuratrici responsabbli ghal tali polza, hija tenuta skond il-ligi, thallas lit-terz danneggjat- minkejja kwalunkwe vjolazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-polza nnifisha. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 104 jipprojbixxi limitazzjonijiet ta' kopertura kontra terz danneggjat. Huwa maghruf illi l-hlas jsir minghajr pregudizzju ghad-dritt ta' rivalza tas-socjeta' assikuratrici kontra l-assikurat taghha.

"Il-Qorti tqis illi il-kaz in ezami mhuwiex kaz li ghalih japplikaw l-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 10(2) jew (3) tal-Kapitolu 104 – Vide **Elmo Insurance Limited vs Mark Caruana et** deciza mill-**Onor Imhallef A Ellul fl-20 ta' Marzu 2007**.

"Lanqas ma huwa sostenibbli l-argument li sikkome kien hemm ftehim informali ta' trasferiment bejn il-konvenuti, ergo il-polza tigi invalidata. In fatti fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Limited vs Mark Caruana** Ibid gie ritenut:

> ***"... f'kaz tal-bejgh ta' vettura u ghall-finijiet tal-Kap. 104, m'hemmx provvediment li jghid li l-bejgh ta' vettura mill-assigurat lil haddiehor isarraf f'terminazzjoni ipso jure tal-kuntratt ta' assigurazzjoni".***

"Din il-Qorti rat u ezaminat dak sollevat fin-nota ta' sottomissjonijiet dwar l-allegat nuqqas da parti tas-socjeta' attrici li tinforma lill-intimat Peter Azzopardi nomine u ilkonsegwenti allegat ksur tal-*uberima fidae*, din il-Qorti taghraf illi l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 104 japplika f'cirkostanzi fejn l-assigurat jkun naqas li jirregistra claim dwar l-incident illi jkun kopert mill-polza.

"Il-Qorti tqis illi ghandha taghmel referenza ghas-sentenza ta' **Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs Joseph Aquilina et Appell Civili** deciz **fl-14 ta' Frar 2014** fejn gie ritenut:

> ***"M'hemmx dubju li kienet ir-responsabilita` tal-appellant li jara illi c-cwievet tal-vettura ma jigux f'idejn xi hadd li ma kienx kopert mill-assigurazzjoni fil-kaz li jsuq il-vettura in kwestjoni. Il-konvenut appellant kien obbligat illi jara u jissorvelja li l-vettura ma tigix misjuqa minn persuna li ma kinitx koperta bl-assigurazzjoni. Il-fatt per se illi effettivament il-konvenuta kienet qed issuq il-vettura hu indikattiv illi l-appellant ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega f'dan ir-rigward..."***
>
> ***"...Versu l-assiguraturi, hi wkoll responsabbli l-konvenuta appellata u dan flimkien mal-konvenut appellant. Dan johrog mill-fatt illi ghalkemm ma kinitx koperta mill-polza, xorta wahda kienet qed issuq il-vettura involuta fl-incident u kien tort taghha li gew kagunati d-danni in kwestjoni. Il-fatt illi l-polza ma kinitx tkopri appuntu lill-appellata Aquilina ma jbiddel xejn kwantu ghar-relazzjoni guridika bejn l-assiguraturi u l-istess appellata. Hawnhekk hemm tali relazzjoni guridika in vista li kienet l-istess konvenuta appellata illi kkawzat id-dannu in kwestjoni u li ghalih ghamlet tajjeb is-socjeta` assiguratrici. Hu ghalhekk illi... l-Qorti qed taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta` assiguratrici li l-appellata Aquilina hija responsabbli lejn l-istess assiguraturi u b'hekk hi wkoll ghandha tigi kkundannata in solidum mal-appellant Joseph Aquilina biex thallas lura l-ammonti sborsati mill-assiguraturi bhala danni sofferti mit-terzi.***
>
> ***"Tirrizulta wkoll ir-responsabilita` solidali bejn it-titolari tal-polza u s-sewwieq tal-vettura cioe` bejn iz-zewg persuni li minhabba l-agir taghhom gew miksura l-kundizzjonijiet tal-istess polza u konsegwentement ikkawzaw danni lill-assiguraturi. <u>Inoltre l-kuntratt ta' assigurazzjoni hu essenzjalment ta' natura kummercjali u ghalhekk tiskatta s-solidarjeta</u>`".*** (Enfasi ta' din il-Qorti)

"Ghaldaqstant r-responsabilita ghal refuzjoni tal-ammont ta' €54,331.01 hija **in solidum** bejn Peter Azzopardi nomine u Carmelo Azzopardi.

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' Peter Azzopardi **f'ismu proprju** u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju; Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra ta' Peter Azzopardi ghan-nom ta' Canadian Brothers Limited; Tilqa' t-talbiet attrici u tikundanna l-intimat Peter Azzopardi nomine u Carmelo Azzopardi **in solidum** jirrifondu lis-socjeta'

attrici s-somma ta' erbgha u hamsin elf, tlett mija, wiehed u tletin Ewro u centezmu (€54,331.01) liema ammont gie mhallas mis-socjeta' attrici lil John u Mary Rose konjugi Mizzi u binthom Amanda Mizzi.

"Bl-ispejjez kif mitluba kontra Peter Azzopardi nomine u Carmelo Azzopardi."

**RIKORS TAL-APPELL ta' Peter Azzopardi *proprio et nomine* (10.11.2015):**

3. Peter Azzopardi *proprio et nomine* ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha fejn talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma l-liberatorja mill-osservanza tal-ġudizzju tiegħu *proprio*, tħassar u tirrevoka s-sentenza, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi.

4. **L-aggravju ta' Peter Azzopardi f'isem Canadian Brothers Ltd** huwa li ma kien hemm l-ebda kopertura "*Test Drive Cover" in vigore* fil-mument tal-inċident li għaliha kellha tagħmel tajjeb is-soċjeta` attriċi u allura ma kinitx tenuta tagħmel tajjeb hi għall-ħsara kaġunata minn Carmelo Azzopardi. Konsegwentement jargumenta li jekk is-soċjeta` attriċi ħallset mingħajr ma kellha għalfejn, sta għaliha li tirregola ruħha biex tara kif tirkupra l-ammont maħruġ minnha erronjament. L-appellanti *nomine* jispjega li dan l-aggravju tiegħu hu bbażat fuq is-segwenti żewġ argumenti:

(a) Fl-ewwel lok jargumenta li s-sewwieq Carmelo Azzopardi akkwista l-vettura KBA-565 mingħand Canadian Brothers Ltd **qabel** ma seħħ l-inċident fl-24 ta' Lulju 2001. Jargumenta li huwa immaterjali l-fatt li t-*transfer* tal-vettura seħħ fis-27 ta' Lulju 2001. Jenfasizza li l-bejgħ ġie konkluż qabel l-inċident u allura t-titolu u r-riskju għadda għal fuq Carmelo Azzopardi, u l-kopertura ta' "*test drive cover"* qatt ma setgħet tgħodd.

(b) Fi kwalunkwe` każ jargumenta li l-polza hija waħda *sui generis* li fiċ-ċirkostanzi ma kinitx applikabbli. Jenfasizza li tali polza hija waħda ta' kopertura ġenerika u mhux marbuta ma' vettura partikolari u tiġi applikata biss meta l-pjanċa "*trial run"* tiġi mlibbsa minn vettura fost il-flotta, sabiex bl-użu ta' tali pjanċa tkopri l-vettura li tkun qed tintuża għal prova bi skop li tinbiegħ. Ifakkar li l-inċident in kwistjoni seħħ **wara** li Carmelo Azzopardi akkwista l-vettura u insista li jmur id-dar biha qabel ma tinħareġ polza ta' assigurazzjoni għaliha. Jenfasizza li allura l-vettura ma nstaqitx waqt "*trial run*" - għaliex kienet diġa` inbiegħet - u jargumenta li dan il-fatt waħdu ifisser li l-polza ta' "*Test Drive Cover"* ma kinitx għadha applikabbli.

**RISPOSTA TAL-APPELL tas-soċjeta` attriċi Mapfre Middlesea plc gia Middlesea Insurance plc għall-appell prinċipali ta' Peter Azzopardi *proprio et nomine* u wkoll APPELL INĊIDENTALI tal-istess soċjeta` attriċi (30.11.2015):**

5. Is-soċjeta` attriċi wieġbet biex tgħid għaliex l-appell ta' Peter Azzopardi *proprio et nomine* għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrih.

6. Is-soċjeta` attriċi ipprevalixxiet ruħha mill-appell ta' Peter Azzopardi *proprio et nomine* u da parti tagħha ppreżentat appell inċidentali fejn talbet lil din il-Qorti biex tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-mertu, tordna lill-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuha wkoll l-interessi legali fuq is-somma ta' €54,331.01 b'effett min-notifika tar-rikors ġuramentat lil kull wieħed mill-konvenuti.

7. **L-aggravju tas-soċjeta` attriċi** jirrigwarda l-kwistjoni tal-interessi legali. F'dan ir-rigward tagħmel diversi argumenti li jistgħu jiġu sintetiżżati kif ġej:

(a) Targumenta li kemm Peter Azzopardi u Canadian Brothers Ltd huma kummerċjanti u għalhekk huwa applikabbli s-subartikolu <u>(3)(a) tal-Artikolu 26C tal-Kap 13</u> li jipprovdi li imgħaxijiet imnissla minn obbligazzjoni bejn kummerċjanti jibdew jiddekorru minn "*tletin ġurnata kalendarja wara d-data li fiha d-debitur jirċievi l-fattura*." Tfakkar li l-fattura għas-sorte, imgħaxijiet u spejjeż imħallsa minnha ai termini tas-sentenza Mizzi v. Azzopardi tikkonsisti f'ittra legali tat-8 ta' Lulju 2008 u għalhekk Peter Azzopardi u Canadian Brothers huma tenuti

jħallsu l-interessi mit-8 ta' Awwissu 2008.

(b) Targumenta ukoll li kuntratt ta' assigurazzjoni huwa wieħed ta' natura kummerċjali u allura għandu japplika l-<u>Artikolu 1141(1)</u> tal-Kap 16 li jipprovdi li f' każ ta' obbligazzjoni ta' xorta kummerċjali, l-imgħaxijiet jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita. Iżżid tgħid li l-obbligazzjoni tal-konvenuti li jħallsu l-ammonti maħruġa minnha twieldet hekk kif hija indennizzat lit-terzi skont il-liġi, cioe` fl-4 ta' Ġunju 2008 u għalhekk l-interessi jiddekorru minn tali data, jew tal-anqas mit-8 ta' Lulju 2008 meta l-konvenuti ġew interpellati.

(c) Targumenta wkoll li in linea sussidjarja l-<u>Artikolu 1141(2)</u> jipprovdi li f'każ li ma jkunx applikabbli l-ewwel sub-inċiż tal-istess dispożizzjoni, l-interessi jibdew jiddekorru minn dakinhar li tkun saret l-ewwel intimazzjoni b'att ġudizzjarju li f' dan il-każ huwa r-rikors promutur tal-15 ta' Lulju 2008.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL ta' Carmelo Azzopardi għall-appell prinċipali ta' Peter Azzopardi *proprio et nomine* u wkoll APPELL INĊIDENTALI tal-istess Carmelo Azzopardi (01.02.2016):</u>**

8. Il-konvenut Carmelo Azzopardi wieġeb biex jgħid għaliex l-appell ta' Canadian Brothers Ltd għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi

*"kontra s-soċjeta` attriċi appellanti".*

9. Huwa pprevalixxa ruħu mill-appell ta' Canadian Brothers Ltd sabiex iressaq appell inċidentali fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tiddikjara li hija s-soċjeta` Canadian Brothers Ltd waħedha (u mhux *in solidum* miegħu) li hija unikament responsabbli għall-ħlas tal-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi "*kontra l-appellati".*

10. **L-aggravju ta' Carmelo Azzopardi** huwa fis-sens li ladarba l-polza assigurattiva b'kopertura ta' "*trial run*" kienet għadha *in vigore* meta sar l-inċident (kif irriteniet l-ewwel Qorti) allura hija biss is-soċjeta` Canadian Brothers Ltd li għandha tħallas is-somma rikjamata mis-soċjeta` attriċi u mhux hu flimkien magħha *in solidum*. Isostni li huwa, da parti tiegħu, ma kienx ġie mgħarraf minn Canadian Brothers Ltd li l-vettura in kwistjoni ma kinitx koperta b'assigurazzjoni valida u li kienet assigurata biss b'assigurazzjoni speċifika li ma kinitx tkopri fost oħrajn inċidenti li jseħħu wara nżul ix-xemx. Jenfasizza li r-relazzjoni kontrattwali viġenti kienet bejn is-soċjeta` attriċi u Canadian Brothers Ltd u li għalhekk kienet din is-soċjeta` li kienet fl-obbligu li tassigura ruħha li qabel tittrasferixxi l-vettura, il-persuna li fuqha kienet ser tiġi trasferita kien ser ikollha kopertura valida.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tas-soċjeta` Mapfre Middlesea plc gia Middlesea Insurance plc għall-appell inċidentali ta' Carmelo Azzopardi (16.02.2016):</u>**

11. Is-soċjeta` Mapfre Middlesea plc gia` Middlesea Insurance plc wieġbet biex tgħid li l-appell inċidentali ta' Carmelo Azzopardi għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih b'dan li s-sentenza appellata tiġi kkonfermata bir-riforma mitluba minnha fl-appell inċidentali tagħha stess li ppreżentat fl-1 ta' Diċembru 2015. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra Peter Azzopardi *proprio et nomine* u Carmelo Azzopardi.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL ta' Peter Azzopardi *proprio et nomine* għall-appell inċidentali ta' Carmelo Azzopardi (01.03.2016):</u>**

12. Peter Azzopardi *proprio et nomine* wieġeb biex jgħid li l-appell inċidentali ta' Carmelo Azzopardi għandu jiġi miċħud u li invece għandu jiġi milqugħ l-appell tiegħu.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL ta' Peter Azzopardi *proprio et nomine* għall-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi (01.03.2016):</u>**

13. Peter Azzopardi *proprio et nomine* wieġeb biex jgħid li l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi għandu jiġi miċħud u li invece għandu jiġi milqugħ l-appell tiegħu.

## KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

### A. Kwadru tal-fatti:

14. Fis-7 ta' Mejju 2001 il-konvenut Peter Azzopardi f'isem is-soċjeta` Canadian Brothers Ltd għamel kopertura ta' assigurazzjoni mas-soċjeta` attriċi għall-perjodu mis-7 ta' Mejju 2001 sal-31 ta' Diċembru 2001 (Dok JB1[1]). Din il-polza kienet tirrigwarda vetturi li jkunu ser jinstaqu fuq "*trial run"* u li għal tali skop kellhom pjanċa "TR-47". Ġie dikjarat is-segwenti fuq dokument anness mal-polza:

> *"It is hereby declared and agreed that the insurance cover on trial run plates is only in force as from Monday to Friday, from 7.00am till sunset as in accordance with the Licencing and Testing Department Permit."*

In oltre kienu japplikaw ukoll għall-polza l-kundizzjonijiet li joħorġu mil-liġi (A.L. 128/1994)[2], fosthom:

- li l-pjanċi "trial run" ikunu mwaħħla fuq wara u quddiem tal-vettura;

- li l-pjanċi "trial run" m'għandhomx jintużaw ħlief għal traġitt bi prova; u

- li f'vettura li tkun qed tinstaq f'"trial run" ikun hemm preżenti r-rappreżentant tal-persuna li favur tagħha inħarġu l-pjanċi.

[1] Fol 17-18
[2] Ara Dok BF1 fol 81 et seq esebit minn Brian Farrugia fix-xiehda tiegħu tad-19.11.2009

15. Fl-24 ta' Lulju 2001 fl-10.30pm seħħ inċident waqt li l-konvenut Carmelo Azzopardi kien qed isuq il-vettura tal-marka Seat Ibiza KBA-565.

16. Brian Farrugia[3] mill-Awtorita` għat-Trasport xehed illi l-imsemmija vettura kienet reġistrata "*for resale*" fuq is-soċjeta` Canadian Brothers Ltd mit-2 ta' Lulju 2001 sas-27 ta' Lulju 2001 (cioe` perjodu li jinkludi l-jum tal-inċident). Qal ukoll li l-għada tal-inċident, proprju fil-25 ta' Lulju 2001 inħarġet polza ta' assigurazzjoni tal-Middlesea Insurance fuq Carmelo Azzopardi; ippreċiża li t-timbru fuq iċ-ċertifikat tal-polza huwa ta' Fortress Insurance Agency (Dok BL6[4]). It-transfer tal-vettura minn fuq Canadian Brothers Ltd għal fuq Carmelo Azzopardi imbagħad sar fis-27 ta' Lulju 2001[5], cioe` tlett ijiem wara l-inċident.

17. Fis-sentenza mogħtija nhar is-16 ta' Diċembru 2004 fil-kawża fl-ismjijet *John u Mary Rose konjuġi Mizzi u binthom Amanda Mizzi v. Carmelo Azzopardi* (915/03/TM) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabet lil Carmelo Azzopardi unikament responsabbli għall-inċident, u kkundannatu jħallas lill-atturi Mizzi Lm18,950 in linea ta' danni, bl-imgħax mid-data tas-sentenza. (Għalkemm appellata, ġiet eventwalment deżerta).

[3] Xiehda ta' Brian Farrugia tat-12 ta' April 2012, fol 252 et seq
[4] Fol 265
[5] Id-dokument a fol 257 fil-fatt jikkonferma li bejn it-02.07.2001 u s-27.07.2001 il-vettura kienet reġistrata fuq Canadian Brothers Ltd, u bejn is-27.07.2001 u t-02.08.2001 kienet reġistrata fuq Carmelo Azzopardi.

18. Is-soċjeta` attriċi kienet ġiet notifikata b'ittra uffiċjali ppreżentata minn terzi ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 104 u għalhekk bħala s-soċjeta` assiguratriċi konċernata ħallset lill-atturi s-somma ta' €54,331, rappreżentanti s-sorte, spejjeż u interessi dovuti skont is-sentenza. Hija imbagħad intavolat din il-kawża ai termini tal-Artikolu 12(1) tal-Kap 104 li jagħti dritt lill-assiguratur li jirkupra l-ammont minnu maħruġ in linea ta' indennizz lit-terzi mingħand l-assigurat danneġġjant.

**B. <u>Verżjonijiet tal-konvenuti dwar il-vettura KBA-535 u l-assigurazzjoni relattiva:</u>**

<u>Peter Azzopardi:</u>

19. Peter Azzopardi fl-affidavit tiegħu[6] spjega li huwa kien jopera ħanut ta' "*second hand car dealer".* Spjega li Carmelo Azzopardi kien xtara Peugeot mingħandu iżda xi xhur wara reġa' mar għandu biex ipartatha ma' Seat, bil-għan li jnaqqas il-valur li kien għadu dovut fuq il-Peugeot.

> *"F'din iċ-ċirkostanza huwa għażel li jieħu l-vettura Seat bin-numru ta' reġistrazzjoni KBA-535. Dakinhar hu rritorna l-Peugeot u ħa s-Seat. Ngħid li dan it-tpartit sar nhar l-24 ta' Lulju 2001."*

20. Qal li kien madwar seba' snin wara, li huwa rċieva ittra indirizzata lilu (*proprio et nomine*) u lil Carmelo Azzopardi fejn is-soċjeta` attriċi talbet

[6] Affidavit ta' Peter Azzopardi, fol 143 et seq

rifużjoni tas-somma ta' €54,331.01.

21. Kontro-eżaminat[7] qal li l-polza ta' assigurazzjoni li kellha l-vettura tissejjah *motor traders' policy* li tintuża biss għal *Trial Run Plates.*

> *"Din il-motor traders' policy hija kuntratt bejn l-assikurazzjoni u jien. Jien obbligat li nimxi mal-kundizzjonijiet tat-Trial Run Plates."*

22. F'kontro-eżami ulterjuri[8] ikkonferma li kien hu il-persuna li miegħu Carmelo Azzopardi innegozja t-tpartit tal-vann Peugeot mal-vettura Seat. Mistoqsi jekk kienx talab lil Carmelo Azzopardi jurih polza ta' assigurazzjoni fuq is-Seat, wieġeb li dan ġara ħdax-il sena ilu. Iktar 'il quddiem imbagħad xehed:

> *"Carmelo Azzopardi, dwar il-polza kien qalli li kienet responsabbilta` tiegħu, li hu kellu jagħmel il-polza u li sa dakinhar li jagħmilha ma jużax il-vettura."*

Carmelo Azzopardi:

23. Carmelo Azzopardi fl-affidavit tiegħu[9] qal li lil Peter Azzopardi jafu bħala direttur ta' Canadian Brothers Ltd. Qal li kellu d-dejn ma' din is-soċjeta` fir-rigward ta' Peugeot li kien xtara mingħandha u għalhekk biex inaqqas ftit mid-dejn ippropona li jpartat il-Peugeot ma' Seat Ibiza, u hekk sar.

> *"Il-karozza Seat Ibiza jien ħadtha mingħajr "insurance" u dan peress illi l-vettura kienet għand Canadian Brothers Ltd sabiex terġa' tinbiegħ. F'dan il-każ il-karozza ma jkollhiex insurance imma tkun biss koperta*

[7] Kontro-eżami ta' Peter Azzopardi tas-27 ta' Settembru 2012, fol 282
[8] Kontro-eżami ta' Peter Azzopardi tat-23 ta' Novembru 2012, fol 286
[9] Affidavit ta' Carmelo Azzopardi, fol 221

*minn "insurance" meta jkollha "trial run plates" imwaħħlin fil-karozza. Jien lil Peter Azzopardi ma tlabtux biex jagħtini "trial run" sakemm kelli l-karozza f' idejja mingħajr assigurazzjoni. Kelli nieħu ħsieb jien li ndawwar il-karozza fuq ismi u jien dehrli li stajt noħorġilha "insurance" l-għada fil-għodu ta' meta ħadt din il-karozza.*

*"Ngħid li Peter Azzopardi sempliċiment tani l-karozza. Jiena ħadtha u kelli nieħu ħsieb li ndawwarha fuq ismi u li noħorġilha assigurazzjoni. Din kienet responsabbilta` tiegħi u dwar dan Peter Azzopardi ma kien jaf b'xejn u ma kien involut f' xejn. Kont naf illi l-karozza ma kelliex "trial run plates" u għalhekk ma kien hemm ebda mod li biha jien stajt ingawdi mill-assigurazzjoni ta' Canadian Brothers Ltd."*

24. Huwa fix-xiehda tat-18 ta' Marzu 2011 prodott mis-soċjeta` attriċi ikkonferma[10] illi kien ħa l-vettura Seat Ibiza mingħand Peter Azzopardi bi tpartit mal-Peugeot li kellu. Qal li hu ta l-Peugeot lil Azzopardi u dan tah is-Seat. Qal li ma jiftakarx li Azzopardi kien tah xi pjanċi "*trial run*" u qal ukoll li Azzopardi ma kien qallu xejn dwar insurance. Qal li dakinhar tal-inċident il-vettura kienet fuq isem Azzopardi bil-liċenzja mħallsa.

25. Fix-xiehda tas-27 ta' Settembru 2011[11] prodott mill-konvenut Peter Azzopardi, qal li kien mar bil-vann għand Peter Azzopardi u qallu li ma kellux flus biex ikompli jħallsu għax il-pagament kien għoli.

*"Saqsejtu biex inpartat u hu partatli hemm. Qalli biex nagħmel l-insurance u jien għidtlu li m'għandix flus biex nagħmilha.*

*Il-vann li partatt kien assigurat u qas kont naf li din l-assikurazzjoni stajt naqlibha fuq il-karozza."*

26. Fix-xiehda li ta in kontro-eżami fl-4 ta' Novembru 2011[12] qal li

[10] Xiehda ta' Carmelo Azzopardi, 18.03.2011, fol 108 et seq
[11] Xiehda ta' Carmelo Azzopardi, 27.09.2011, fol 214 et seq
[12] Xiehda ta' Carmelo Azzopardi, 04.11.2011, fol 222 et seq

dakinhar li mar biex ipartat il-vann Peugeot mal-vettura Ibiza, sar il-ftehim "*u partatnihom*". Spjega li fuq il-vann kien ħareġ insurance u dehrlu li l-polza kien fadlilha. Qal li fir-rigward ta' meta xtara l-vann Peugeot Azzopardi kien qallu biex iġib l-insurance qabel, filwaqt li fir-rigward tal-karozza Seat, qal li Azzopardi kien qallu biex iġib l-insurance wara. Qal li dan id-diskors sar fix-*showroom.*

> *"Għidtlu li m'għandix flus u meta naqbad il-paga nagħmel insurance. Hu ma kienx qalli li l-karozza ma kellhiex insurance. Pero` kien qalli li l-vann ma kellux insurance u għalhekk qabel ma ħadt il-vann (li sussegwentement partatt mal-karozza li qalu li ħbatt biha) mort għamiltlu polza ta' assigurazzjoni.*
>
> *"Trial plates Peter Azzopardi ma tanix.*
>
> *"Il-karozza jien bdejt insuqha mill-ewwel. Ngħid li Peter Azzopardi ma kienx qalli li m'għandhiex insurance. Kien qalli biss biex nagħmilhomlha.*
>
> *"Dwar x'tip ta' insurance kellha l-karozza jiena ma saqsejtx għax ma nifhimx.*
>
> *"Mistoqsi jekk gialadarba Peter Azzopardi talabni nġib insurance, kif ma ndunajtx li l-karozza kienet qed tinbiegħ mingħajr assigurazzjoni, ngħid illi l-liċenzja kienet imħallsa u għalhekk dan il-ħsieb ma ġiniex f' moħħi.*
>
> *"Jien kelli inċident bil-karozza dakinhar jew l-għada. Eżatt ma niftakarx."*

27. Ri-eżaminat qal li fir-rigward tal-vann Peugeot kien qallu biex joħroġ l-insurance u imbagħad jieħu l-vann; iżda fir-rigward tas-Seat:

> *"Dwar is-Seat Ibiza, Peter Azzopardi kien jaf li ma kellix flus biex inħallas l-insurance. Hu qalli biex inħallasha u jien għidtlu li meta indaħħal il-paga inħallasha. Hu, pero`, ħallieni noħodha l-karozza."*

28. Fuq suġġeriment li kien Peter Azzopardi li wassallu s-Seat għandu, huwa ċaħad li ġara hekk; qal li kieku ma kienx ikollu biex imur ix-xogħol. Enfasizza li *"Il-karozza ħadtha mix-showroom".*

**C. <u>L-appell (prinċipali) ta' Peter Azzopardi *nomine*:</u>**

29. L-aggravju ta' Peter Azzopardi *nomine* (għal Canadian Brothers Ltd) effettivament jirrigwarda l-eċċezzjoni numru 3(ii), u cioe` li s-soċjeta` attriċi fl-ewwel lok ma kinitx tenuta tagħmel tajjeb għad-danni li sofrew it-terzi, u li allura jsegwi li ma għandha l-ebda dritt li titlob rifużjoni ta' tali ammont f'dawn il-proċeduri. Dan l-aggravju tiegħu, kif fuq spjegat, huwa bbażat fuq żewġ argumenti:

(a) li meta seħħ l-inċident Carmelo Azzopardi kien diġa` xtara l-vettura mingħand Canadian Brothers Ltd u għalhekk il-kopertura – li kienet kopertura għal vetturi waqt *test drive* – ma setgħetx tgħodd; u

(b) il-polza mhux marbuta ma' vettura partikolari iżda ma' vetturi waqt li jkunu qed jinstaqu fuq prova bi skop li jinbiegħu, u allura ladarba l-vettura in kwistjoni kienet diġa` mibjugħa ma setax jitqies li l-polza kienet applikabbli.

30. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn l-argumenti huma kompletament bla bażi. Kif jirriżulta mill-provi, it-*timeline* tal-fatti huwa kif isegwi:

| | |
|---|---|
| 24 Lulju 2001 | Il-vettura Seat in kwistjoni kienet waħda mill-flotta ta' vetturi reġistrati fuq Canadian Brothers Ltd *"for resale"* u koperti bil-polza ta' assigurazzjoni magħrufa bħala *motor traders' policy,* cioe` għal sewqan bi prova, għall-finijiet ta' bejgħ. |
| 24 Lulju 2001 | Carmelo Azzopardi partat il-vann Peugeot li kellu ma' tali vettura Seat u saqha barra mix-*showroom* ta' Canadian Brothers Ltd. |
| 24 Lulju 2001 | Fl-10:30pm seħħ l-inċident. |
| 25 Lulju 2001 | (l-għada tal-inċident) Carmelo Azzopardi ħareġ polza ta' assigurazzjoni fuq ismu fuq il-vettura Seat. |
| 27 Lulju 2001 | (tlett ijiem wara l-inċident) Sar it-*transfer* tal-vettura Seat minn fuq Canadian Brothers Ltd għal fuq Carmelo Azzopardi. |

31. Minn dan kollu jirriżulta li dakinhar tal-inċident - l-24 ta' Lulju 2001 - is-sid reġistrat tal-vettura Seat kienet għadha s-soċjeta` Canadian

Brothers Ltd, **u l-polza applikabbli u viġenti kienet dik tat-*trial run,*** minkejja li inkisru l-kundizzjonijiet tagħha. Kif targumenta s-soċjeta` attriċi, fil-mument tal-inċident ma kienet għadha inħarġet l-ebda polza oħra in konnessjoni mat-trasferimentipprospettat tal-vettura, biex tissostitwixxi tali polza *trial run*.

32. Għalhekk wara li fis-sentenza *John Mizzi et v. Carmelo Azzopardi* (915/03/TM) ġie dikjarat li għall-inċident tal-24 ta' Lulju 2001 kien unikament responsabbli Carmelo Azzopardi, is-soċjeta` attriċi kienet – għall-finijiet tal-Artikolu 10(1) tal-Kap 104 – effettivament tenuta li tħallas lil Mizzi għad-danni kkaġunati bil-vettura li kienet assigurata b'kopertura *trial run* magħha.

> *"10(1). Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar-responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwagħandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu."*

Jiġi ppreċiżat li għalkemm l-Artikolu 10(1) jitkellem fuq "*sentenza kontra l-persuna assigurata bil-polza*" dan japplika ukoll fir-rigward ta' sentenza kontra l-persuna li kienet qed issuq il-vettura assigurata[13].

33. Għaldaqstant l-aggravju tas-soċjeta` appellanti Canadian Brothers Ltd jirriżulta bla bażi u l-appell tagħha qiegħed jiġi miċħud.

**D. L-appell (inċidentali) ta' Carmelo Azzopardi:**

34. Fir-rigward tal-konvenut Carmelo Azzopardi (li baqa' kontumaċi), l-ewwel Qorti qieset li s-sentenza Mizzi v. Azzopardi hija "*an indictment*" ta' sewqan pessimu da parti tiegħu (taħt l-influwenza tax-xorb, *speed* eċċessiv, u nuqqasijiet serji oħra). Qieset ukoll li kien jaf dwar iċ-ċirkostanzi tal-polza u li saq il-vettura proprju bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza. Hija għalhekk irriteniet li d-dettami tal-Artikolu 12(1) tal-Kap 104 huma ugwalment applikabbli għalih (u mhux għal Canadian Brothers Ltd biss) u konsegwentement ikkonkludiet li r-responsabbilta` għar-rifużjoni tal-ammont ta' €54,331.01 hija *in solidum* bejnu u bejn Canadian Brothers Ltd.

35. Fl-appell inċidentali tiegħu l-konvenut Carmelo Azzopardi

[13] Ara f'dan is-sens **Hugh P Zammit noe et noe v. John Mifsud et** (Q. App. 01.04.2005) fejn l-assigurat John Mifsud kien qed jargumenta li s-soċjeta` assiguratriċi ma kinitx tenuta tħallas id-danni in segwitu għal sentenza li ma kinitx kontrih (l-assigurat) iżda kontra s-sewwieq. Il-Qorti tal-Appell irriteniet li dan l-argument ma kienx fondat.

jargumenta illi ladarba l-polza assigurattiva b'kopertura ta' "*Trial Run*" kienet għadha *in vigore* meta sar l-inċident (kif fil-fatt irriteniet l-ewwel Qorti u kif issa qed tikkonferma wkoll din il-Qorti) allura hija biss is-soċjeta` Canadian Brothers Ltd li għandha tħallas is-somma rikjamata mis-soċjeta` attriċi u mhux hu flimkien magħha *in solidum*. Jargumenta li kien jaqa' fuq is-soċjeta` Canadian Brothers Ltd li tassigura li l-vettura kellha polza adegwata qabel ma għadditielu f'idejh u in oltre jsostni li huwa ma kienx ġie mgħarraf minn Canadian Brothers li l-kopertura kienet waħda speċifika, cioe` bil-limitazzjonijiet tat-*trial run*.

36. L-ewwelnett din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, ma tarax li hija verosimili t-teżi tiegħu li ma kienx jaf bil-limitazzjonijiet tal-polza. Fix-xiehda tiegħu huwa stess qal li Peter Azzopardi kien qallu biex jagħmel assigurazzjoni u għalhekk neċessarjament kellu jifhem li l-vettura jew ma kinitx koperta b'assigurazzjoni jew kellha limitazzjonijiet li minħabba fihom ma kinitx ser tkun koperta l-vettura jekk isuqha hu. Fil-fatt xehed li kien qed jistenna li jieħu l-paga biex joħroġ assigurazzjoni għaliex ma kellux flus. Qal li meta ħa l-vettura kellu l-ħsieb li jdawwarha fuq ismu "*u li noħorġilha assigurazzjoni".* Dan kollu jimmilita kontra t-teżi tiegħu.

37. Minbarra dan, huwa rilevanti l-fatt li s-sinistru seħħ tort tiegħu. Kif targumenta s-soċjeta` attriċi, filwaqt li l-obbligu tar-rimbors da parti ta' Canadian Brothers Ltd joħroġ *ex contractu* mill-polza in kwantu Peter

Azzopardi ippermetta lil Carmelo Azzopardi jsuq il-vettura b'polza *trial run* meta fil-fatt ma kinitx qed tinstaq taħt il-kundizzjonijiet koperti għal *trial run*, ma jagħmilx sens li l-persuna nnifisha li tkun ikkaġunat l-inċident ma tinkorri l-ebda obbligu ta' rimbors. Ta' rilevanza fil-fatt hija d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-14 ta' Frar 2014 fil-kawża fl-ismijiet <u>*Fogg Insurance Agencies Ltd noe et v. Joseph Aquilina et*</u>, deċiżjoni li taċċenna għaliha s-soċjeta` attriċi u li wkoll ġiet ċitata mill-ewwel Qorti, fejn ġie insenjat li l-fatt li l-polza ma kinitx tkopri s-sewwieqa ma jbiddel xejn kwantu għar-relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta` assiguratriċi u s-sewwieqa, u dan in vista tal-fatt li kienet is-sewwieqa li kkaġunat id-dannu li għalih kellha tagħmel tajjeb is-soċjeta` assiguratriċi. Fil-fatt f'tali każ il-Qorti tal-Appell Inferjuri ikkundannat lis-sewwieqa *in solidum* mal-assigurat biex tħallas lura l-ammonti maħruġa mis-soċjeta` assiguratriċi bħala danni sofferti minn terzi.

38. <u>Għal dawn ir-raġunijiet l-aggravju ta' Carmelo Azzopardi jirriżulta bla bażi u l-appell inċidentali tiegħu qed jiġi miċħud.</u>

## E. <u>L-appell (inċidentali) tas-soċjeta` attriċi:</u>

39. L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tas-soċjeta` attriċi u kkundannat lill-konvenuti Canadian Brothers Ltd u Carmelo Azzopardi *in solidum* sabiex jirrifondulha l-ammont ta' €54,331.01, bl-ispejjeż kif mitluba, kontrihom.

40. Is-soċjeta` attriċi ħassitha aggravata bil-fatt li l-ewwel Qorti "*naqset milli tikkundannahom illi jħallsu wkoll l-interessi*". F'dan ir-rigward tirreferi għas-segwenti dispożizzjonijiet tal-liġi:

- **<u>Artikolu 26C tal-Kap 13</u>** - u ssostni li fir-rigward ta' Canadian Brothers Ltd, bħala soċjeta` kummerċjali l-imgħax huwa imgħax dekorribbli mit-8 ta' Awwissu 2008 (30 ġurnata kalendarja mill-ittra legali tat-8 ta' Lulju 2008);

- **<u>Artikolu 1141(1)</u>** - u ssostni li essendo l-kuntratt ta' assigurazzjoni wieħed ta' natura kummerċjali l-interessi jiddekorru minn meta l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita (cioe` meta sar il-ħlas fl-4 ta' Ġunju 2008, jew tal-anqas mit-8 ta' Lulju 2008, meta l-konvenuti ġew interpellati);

- **<u>Artikolu 1141(2)</u>** - u targumenta li jekk mhux applikabbli l-Artikolu 1141(1) l-interess jiddekorru mill-ewwel intimazzjoni b'att ġudizzjarju, cioe` ir-rikors promutur tal-15 ta' Lulju 2008.

41. Din il-Qorti taqbel li si tratta ta' imgħaxijiet kummerċjali, iżda ġialadarba d-dritt tas-soċjeta` attriċi li titlob l-indennizz nibet minn ażżjoni ta' rivalsa li nħolqot bil-ħlas magħmul lit-terż taħt polża ta' assikurażżjoni

għalhekk in-natura tal-ħlas kienet taqa' fit-tifsira ta' 'att tal-kummerċ' ghall-finijiet tal-Artikolu 5(e) tal-Kap. 13.

L-artikolu rilevanti hu l-Artikolu 1141(1) li jgħid hekk:

> *"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*

42. Fid-dawl ta' dan din il-Qorti jidhrilha li huwa ġustifikat l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi odjerna, u l-imgħax għandu jiddekorri mid-data li fiha ġew interpellati għal-ħlas il-konvenuti Canadian Brothers Ltd u Carmelo Azzopardi cioe` 8 ta' Lulju 2008.

**DECIDE**

43. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell prinċipali tas-soċjeta` Canadian Brothers Ltd, tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenut Carmelo Azzopardi u tilqa' l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi.

44. Konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata *in toto*, iżda tordna wkoll li għandu jitħallas l-imgħax dekorribbli mit-8 ta' Lulju 2008.

45. L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu kif deċiż mill-ewwel Qorti.

46. L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jitħallsu:

(i) Kwantu għall-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta Canadian Brothers Ltd, mill-istess soċjeta` konvenuta;

(ii) Kwantu għall-appell inċidentali tal-konvenut Carmelo Azzopardi, mill-istess Carmelo Azzopardi; u

(iii) Kwantu għall-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi Mapfre Middlesea plc gia Middlesea Insurance plc, bin-nofs bejn is-soċjeta` konvenuta Canadian Brothers Ltd u l-konvenut Carmelo Azzopardi.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
gr